MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Numru 543/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Wissem Akremi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wissem Akremi,** ta’ hamsa u tletin (35) sena, ta’ nazzjonalita’ Tunezina, imwieled Tunis fit-13 ta’ April 1978, iben Haemes u Gamali neé Ben Amor, residenti tas-Sliema u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 09B-25, akkuzat talli:

1. fl-4 ta’ Gunju 2013 u fil-jiem ta’ qabel, bhala persuna illi mbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali

ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg *ai termini* ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa) u l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Wissem Akremi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------